**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
Bħala Qorti Istruttorja

**MAĠISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D., M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Kumpilazzjoni numru: 10/2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Leeroy Balzan Engerer)**
**vs**
**Angel Attard**

**Illum, 23/03/2022**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra:

Angel Attard ta' 40 sena, iben Lawrence u Nazzarena nee' Mercieca, imwieled il- Pieta nhar it-3 ta' Dicembru 1976, residenti fil-fond 33, Triq l-Antika Birgu, u detentur tal-Karta tal-Identita numru 18777M.

Akkuzat talli nhar it-3 ta' Jannar 2017 g]all-habta tas-siegha u nofs ta' wara nofsinhar gewwa San Giljan;

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja tieghu f' periklu jew igibulu disordnif' mohhu, ikkaguna offiza ta' natura gravi fuq il- persuna ta' Christian Anthony Agius (ID – 446692), hekk kif certifikata minn Dr. Jeffrey Bonnici (Med. Reg. 3214).

2. Attaka jew jaghmel rezistenza bi vjolenza jew b' hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni nkarigati skont il-ligi minn sevizz pubbliku, filwaqt li dawn kienu qieghdin jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti.

3. Hebb kntra il-persuna ta' Christian Anthony Agius (ID – 446692M) sabiex jingurja, idejjaq jew jaghmel hsara lil din il-persuna jew lil haddiehor.

4. Saq il-vettura ta' ghamla Volkswagen b' numru ta' registrazzjoni ANG312 perikoluz, traskurat u negligenti.

5. Irrenda ruhu ricediv b' sentenzi moghtija mill-Qorti preseduta mill-Onor. Imhallef Dr. Joseph Galea Debono datata 23 ta' Gunju 2005, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Ghaldaqstant, filwaqt li qed tesebixxi l-karta tal-identita' u fedina penali tal-imsemmi Angel Attard, il-prosekussjoni titlob li dan il-kaz jigi investigat skont il-Ligi.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qara u kkonferma bil-gurament iċ-ċitazzjoni fil-konfront ta' l-imputat fis-seduta datata 4 ta' Jannar 2017.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', Citazzjoni, Fedina Penali, Rapport tal-incident, certifikat tat-twelid, Stqarrija, DOK MSX, 23 ritratt kollettivament immarkati DOK CA, rapport mmarkat DOK CA1, FD, FD1, DOK MS, Dok AG, DOK RG, DOK CA, Dok MS, DOK MS1, Dok KZ, DOK KZ1, DOK DC, Dok LSB, DOK RG, DOK JC, DOK CGB

Semghet ix-xhieda ta' Christian Agius, Emily Piscopo, PS221 Michael Vella, Miriam Barbara, PC1497 Julian Calleja, Spettur Matthew Spagnol, Sabrina Schembri, Dr. Branko Magainovic, Dr. Maja Cvorcic, Dr. Alistair Bezzina, Psikjatra Mark Xuereb, Charlot Spiteri, Dr. Mario Scerri, Dr. Jeffrey Bonnici, Dr. Agatha Grima, Ray Gatt, Deputat Kummissarju Silvio Valletta, Christian Agius, Marvin Schembri, Kevin Zahra, Dorian Cornelius, Ray Gatt, Loredana Sammut Belli, Ray Gatt, Joe Cassar, Dr. Anton Grech, Dr. George Debono.

Id-difiza irregistrat ammissjoni fuq l-ewwel, it-tieni, it-tielet , ir-raba' u l-hames imputazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

**Decide:**

It-tieni akkuża ma tirriżultax u għalhekk mhux qed issibu ħati tagħha u wara li l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-ftehim Ċivili u rrinunzja tal-kwerela tal-parti ċivili. Tikkundannaħ ai termini ta' l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jagħmel l- ebda reat ieħor sa żmien tlett snin mil-lum.

Tordna lill-ħati jħallas lir-Reġistratur tal-Qorti s-somma tal- ħatra ta' esperti fl-ammont ta' €1506.40 fi żmien xahar mil-lum.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Dr. Federico Barbaro-Sant**
**Deputat Registratur**